Nru. 17,535
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 3 ta' Frar, 2004
Tuesday, 3rd February, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 93

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,533 u 17,534 tas-27 u t-30 ta' Jannar, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 31 ta' l-2004: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Crew Accommodation) Regulations, 2004.*

A.L. Nru. 32 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina.

A.L. Nru. 33 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel.

A.L. Nru. 34 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ispiżjara.

A.L. Nru. 35 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsill Mediku.

A.L. Nru. 36 ta' l-2004: Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw l-Iskeda ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja.

GOVERNMENT NOTICES

No. 93

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,533 and 17,534 of the 27th and 30th January, 2004, respectively.

L.N. No. 31 of 2004: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Crew Accommodation) Regulations, 2004.

L.N. No. 32 of 2004: Health Care Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Council for the Professions Complementary to Medicine (Elections) Regulations, 2004.

L.N. No. 33 of 2004: Health Care Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Council for Nurses and Midwives (Elections) Regulations, 2004.

L.N. No. 34 of 2004: Health Care Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Pharmacy Council (Elections) Regulations, 2004.

L.N. No. 35 of 2004: Health Care Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Medical Council (Elections) Regulations, 2004.

L.N. No. 36 of 2004: Commissioners for Justice Act (Cap. 291); Commissioners for Justice Act (Schedule) (Amendment) Regulations, 2004.

A.L. Nru. 37 ta' l-2004: Att ta' l-2001 dwar Liċenzi tal-Kummerċ (Att Nru. XXVII ta' l-2001), Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jeħtieġu Permess mill-Kunsill Lokali.

L.N. No. 37 of 2004: Trading Licences Act, 2001 (Act No. XXVII of 2001), Local Councils Act (Cap. 363); Activities Requiring Permits by Local Councils (Amendment) Regulations, 2004.

A.L. Nru. 38 ta' l-2004: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117); Regolamenti ta' l-2004 li Jħassru r-Regolamenti dwar il-Kontroll fuq id-Deheb.

L.N. No. 38 of 2004: Supplies and Services Act (Cap. 117); Gold (Control) (Repeal) Regulations, 2004.

A.L. Nru. 39 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att Nru. V ta' l-2003); Ordni ta' l-2004 dwar Votanti ta' l-Unjoni Ewropea fl-Elezzjonijiet Lokali.

L.N. No. 39 of 2004: European Union Act, 2003 (Act No. V of 2003); Local Elections (European Union Voters) Order, 2004.

A.L. Nru. 40 ta' l-2004: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti dwar il-*Kava-Kava,* 2004.

L.N. No. 40 of 2004: Food Safety Act (Cap. 449), *Kava-Kava* Regulations, 2004.

A.L. Nru. 41 ta' l-2004: Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424); Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet ta' Saħħa u Sigurtà Minimi fuq ix-Xogħol) (Spazji Ristretti jew Spazji b'Atmosferi Esplossivi).

L.N. No. 41 of 2004: Occupational Health and Safety Authority Act (Cap. 424); Work Place (Minimum Requirements for Work) (Confined Spaces and Spaces having Explosive Atmospheres) Regulations, 2004.

A.L. Nru. 42 ta' l-2004: Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Kap. 325); Ordni ta' l-2004 dwar il-Promozzjoni tan-Negozju (Eżenzjonijiet mid-Dazju).

L.N. No. 42 of 2004: Business Promotion Act (Cap. 325); Business Promotion (Customs Exemption) Order, 2004.

A.L. Nru. 43 ta' l-2004: Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea (Att Nru. V ta' l-2003); Ordni ta' l-2004 dwar il-Moviment Ħieles tal-Prodotti.

L.N. No. 43 of 2004: European Union Act, 2003 (Act No. V of 2003); Free Movement of Goods Order, 2004.

A.L. Nru. 44 ta' l-2004: Att biex jemenda diversi liġijiet (Att Nru. IX ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. No. 44 of 2004: An Act to Amend Various Laws (Act No. IX of 2003); Notice of coming into force.

It-3 ta' Frar, 2004

3rd February, 2004

Nru. 94

FORZI ARMATI TA' MALTA

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenent Keon Vella, BSc (Hons) mill-*Active List* tal-Forzi Armati ta' Malta tal-Forza Regolari ta' Malta għar-Riżerva Regolari ta' Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta, meta rriżenja, b'seħħ mit-30 ta' Jannar, 2004.

It-3 ta' Frar, 2004

OPM/33/87/II

No. 94

ARMED FORCES OF MALTA

THE PRESIDENT of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Keon Vella, BSc (Hons) from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force to the Armed Forces of Malta Regular Reserve of Officers, on resignation, with effect from the 30th January, 2004.

3rd February, 2004

Nru. 95

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), ġiet ippubblikata fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt nhar it-Tnejn, it-2 ta' Frar, 2004, u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

It-3 ta' Frar, 2004

No. 95

IMMIGRATION ACT (CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Monday, 2nd February, 2004, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

3rd February, 2004

Nru. 96

'WARRANT' MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (2) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi ta' dmirijiethom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u/jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Is-Sur Simon Pullicino
Is-Sur Pierre Hili
Dott. Colin Scicluna
Is-Sur Arsalan Alshinawi
Is-Sur John Lowell
Is-Sur Charles Sultana
Dott. Andrew Azzopardi
Dott. Mariella Grech

Awtorità dwar it-Trasport
Ms Carmen Cini
Ms Charmaine Fenech Montfort
Ms Mandy Carbone
Is-Sur Karl Galea
Ms Audrey Bugeja
Is-Sur Silvio Cini
Ms Julie Clifford
Is-Sur Danilo Bezzina

Pulizija
Is-Supretendent Raymond G. Zammit
L-Ispettur Mario Buttigieg

B'Awtorità

TONIO BORG
Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

It-3 ta' Frar, 2004
(MJHA/144/2003)

No. 96

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Mr Simon Pullicino
Mr Pierre Hili
Dr Colin Scicluna
Mr Arsalan Alshinawi
Mr John Lowell
Mr Charles Sultana
Dr Andrew Azzopardi
Dr Mariella Grech

Transport Authority
Ms Carmen Cini
Ms Charmaine Fenech Montfort
Ms Mandy Carbone
Mr Karl Galea
Ms Audrey Bugeja
Mr Silvio Cini
Ms Julie Clifford
Mr Danilo Bezzina

Police
Superintendent Raymond G. Zammit
Inspector Mario Buttigieg

By Authority

TONIO BORG
Minister for Justice and Home Affairs

3rd February, 2004

Nru. 97

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 97

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 502	Mario Taliana	'Beaches' Triq it-Turisti San Pawl il-Baħar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43 52.48.11 52.48.13	28.01.04
CD/3209/2003 Pt 535	Joseph Scicluna	Scicluna Garage Triq is-Siġġiewi Żebbuġ Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	28.01.04
CD/3209/2003 Pt 543	Helga Ellul	Playmobil Malta Ltd HF 80 Qasam Industrijali Hal Far	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.5	28.01.04
CD/3209/2004 Pt 3	Adrian Depasquale	'Fur & Fins' 28, Triq San Ġorġ Naxxar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.10	28.01.04
CD/3209/2004 Pt 25	Joseph Cardona	Hand Skills Shop 351, Victory Street Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46 52.48.11	28.01.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 29	Cleaven Delia	'Ultra 2000' 299, Triq l-Imdina Qormi	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.1	28.01.04
CD/3209/2004 Pt 44	Jayne Patricia Zammit	Alternative Therapy Centre 156, Vjal il-21 ta' Settembru Naxxar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022	28.01.04
CD/3209/2003 Pt 51	Christopher Magro	Gozo Charm Properties City Pearl Shopping Centre Triq Fortunato Mizzi Victoria Għawdex	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	70	28.01.04
CD/3209/2003 Pt 537	Carmel Xerri	Xerri Animal Feed Triq tal-Merkanti Xewkija Għawdex	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	29.01.04
CD/3209/2003 Pt 545	Neville Saliba	'Bike' Triq Santa Rita Rabat Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	29.01.04
CD/3209/2003 Pt 560	Frankie Apap	'Roberta Garage' Triq Mastru Salvu Pulis Tal-Ħandaq Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.6	29.01.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2004 Pt 18	William Farrugia	Chi Square Store Triq il-Maskli Qawra San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15 52.11	29.01.04
CD/3209/2004 Pt 41	Paul Sant	Santis Garage Plot 29, First Floor, Triq Ġdida fi Triq il-Fortizza Mosta	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	28 36.1	29.01.04
CD/3209/2004 Pt 42	Carmel Lino Gauci	Gauci Green Grocer N/S in Triq il-Pont Mosta	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.21	29.01.04
CD/3209/2004 Pt 43	Paul Sant	Santis Garage Plot 29, Ground Floor, Triq Ġdida fi Triq il-Fortizza Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.2	29.01.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

It-3 ta' Frar, 2004

3rd February, 2004

Nru. 98

TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAHHA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru ta' l-Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

No. 98

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

Ħ'ATTARD

Trejqa fi Triq Sant'Anton tissemma ……...	TREJQET TA' REĠIN

BIRKIRKARA

Triq ġdida parallela ma' Triq Hal Għargħur u Triq Giovanni Mamo u li tiżbokka fi Triq Dun Karm tissemma …….	TRIQ IL-FTIEĦ

L-IMQABBA

Sqaq fi Triq il-Fjuri jissemma ……..…….	TRIQ IL-FJURI SQAQ NRU 1
Sqaq fi Triq il-Fjuri l-eqreb lejn Sqaq Valletta jissemma ……..……	TRIQ IL-FJURI SQAQ NRU 2

TAL-PIETÀ

It-triq li tibda minfejn jiżbokkaw Triq Dun Ġorġ Preca u Triq Joe Gasan (Hamrun) u li twassal sa Triq id-Duluri (Pietà) tissemma ……..…	TRIQ PATRI VIĊENZ PORTELLI O.P.

Isem ta' Ġnien

Il-ġnien (*playing field)* biswit Triq Patri Viċenz Portelli O.P. (imsemmija f'din in-Notifikazzjoni) jissemma ……...	ĠNIEN PATRI ĠWANN FRENDO O.P.

IŻ-ŻEJTUN

Ir-raba' sqaq bla isem fi Triq il-Wied jissemma ……..…	TRIQ IL-WIED SQAQ NRU. 4

Nru. 99

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom	Nru. tal-Karta ta' l-Identità	Indirizz
Name and Surname	*Identity Card No.*	*Address*
Adonis Caruana	503578 (M)	65, Triq Sant' Enriku, Sliema
Glenn Galea	4386 (M)	23, Flat 1, Les Jolies Mansions, Triq E.B. Vella, Mosta

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guards

Isem u kunjom	Nru. tal-Karta ta' l-Identità	Indirizz
Name and Surname	*Identity Card No.*	*Address*
Matthew Camilleri	76481 (M)	117, Triq Matty Grima, Bormla
Anthony Attard	631063 (M)	34, Triq Santa Katerina, Qrendi
Kingsley Chika Abanifi	19888 (A)	6, Clivia, Triq San Pawl, Luqa
George Fenech	82255 (M)	8, Triq Anton Buttigieg, Ħamrun
Mario Bezzina	571161 (M)	Calathea, Triq Katlan, Attard
Gaetano Libreri	529654 (M)	36, Triq il-Miratur, Floriana
Sandro Portelli	590682 (M)	41, Casa Lourdes, Triq Tumas Fenech, Birkirkara
Philip Cricchiola	330465 (M)	165, Silver Cloud, Triq il-Gross, Marsascala
Adrian Deguara	278765 (M)	121, Triq il-Wied, Msida

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

No. 99

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas iehor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-3 ta' Frar, 2004

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

3rd February, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 5 ta' l-2004

Logħob tan-Nar minn Barkun irmiġġjat 'l hinn minn "Taħt iż-Żiemel" – il-Port il-Kbir

Se jinħarqu murtali fil-Port il-Kbir, minn barkun kbir irmiġġjat 'l hinn minn area magħrufa bħala "Taħt iż-Żiemel" – il-Port il-Kbir, nhar it-Tnejn, id-9 ta' Frar, 2004.

Il-barkun se jkun irmiġġjat fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35°53'.93	14°31'.14

Il-logħob tan-nar se jibda fl-10.00 p.m. u jintemm fil-11.30 p.m.

Il-baħħara għandhom jiftakru li l-barkun jista' jkun irmiġġjat fil-pożizzjoni msemmija hawn fuq matul il-lejl ukoll.

L-inġenji tal-baħar kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod mhux anqas minn 200 metru mill-post fejn se jsir il-ħruq imsemmi hawn fuq.

L-inġenji tal-baħar li jkunu jbaħħru fil-Port il-Kbir għandhom ibaħħru b'attenzjoni u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet mogħtija mis-*Signal Station* tat-Torri tal-Palazz.

Il-pożizzjoni tirreferi għal *WGS 84 Datum*.

Chart affettwata: BA 177.

It-3 ta' Frar, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 5 of 2004

Fireworks Display from a barge moored off "Taħt iż-Żiemel" – Grand Harbour

A fireworks display will be let off in Grand Harbour, from a barge moored off an area known as "Taħt iż-Żiemel" on Monday, 9 February 2004.

The barge will be moored in the following position:

Latitude (N)	Longitude (E)
35°53'.93	14°31'.14

The fireworks display will commence at 10.00 p.m. and finish at 11.30 p.m.

Mariners are to note that the barge may be moored in the above-mentioned position during the night as well.

All craft are warned to give a wide berth of not less than 200 metres from the firing site during the above-mentioned display.

Craft navigating within Grand Harbour are to proceed with caution and slow speed. Marines are warned to obey instructions given by Palace Tower Signal Station.

Position referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA 177.

3rd February, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Għaxaq.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Frar, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a councillor for the Local Council of Għaxaq.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

3rd February, 2004

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Naxxar.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-3 ta' Frar, 2004

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a councillor for the Local Council of Naxxar.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

3rd February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Principal Scientific Officer*
fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp
fil-Ministeru għal Għawdex**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Scientific Officer* fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp.

2. Il-post ta' *Principal Scientific Officer* għandu salarju ta' Lm6,948 fis-sena, li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm256 sa massimu ta' Lm8,484.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova ta' sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp b'mod partikolari. Il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-ħatra ta' *Principal Scientific Officer* jinkludu:-

a) Is-sorveljanza u l-għoti ta' kontribut ta' l-oġħla livell għas-suċċess ta' l-implimentazzjoni tal-proġetti u programmi, inklużi dawk dwar l-Iżvilupp Rurali u proġetti oħra mal-programmi ta' l-Unjoni Ewropea;

b) Iż-żamma tal-kuntatt kontinwu mal-persuni u entitajiet involuti sabiex jiġi żgurat l-impenn sħiħ tagħhom fil-proġetti u programmi rispettivi;

ċ) Il-provediment ta' l-assistenza lill-benefiċjarji prospettivi tal-programmi ta' l-Iżvilupp Rurali u programmi oħra ta' l-Unjoni Ewropea, inklużi t-tħejjija tal-proposti, is-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-linji gwida li għandhom jiġu applikati;

d) L-evalwazzjoni perjodika ta' l-impatt tal-proġetti u programmi, inklużi dawk ta' l-Iżvilupp Rurali u programmi oħra ta' l-Unjoni Ewropea;

e) L-introduzzjoni fil-ħin jew skond il-każ ta' emendi jekk l-imsemmija proġetti u programmi ma jimxux kif ippjanat.

f) L-offerta tas-servizzi rikjesti mill-Iskola ta' l-Agrikoltura u mill-istudenti assenjati għat-taħriġ taħt ir-responsabbilità tiegħu/tagħha. It-twettiq ta' kwalunkwe dmirijiet oħra skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp u kif ikun rikjest minnu/ha.

5. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) Uffiċjali fis-*scientific stream* mhux anqas mill-Grad ta' *Senior Scientific Officer*;
jew
Uffiċjali fil-grad ta' *Scientific Officer* li jkollhom mill-anqas ħames (5) snin esperjenza f'dan il-qasam jew erba' (4) snin jekk ikollhom kwalifiki ta' wara l-gradwazzjoni f'dan ix-xogħol;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Principal Scientific Officer
in the Department for Projects and Development
in theMinistry for Gozo**

The Public Service Commission invites applications for the post of Principal Scientific Officer in the Department for Projects and Development within the Ministry for Gozo.

2. The salary for the post of Principal Scientific Officer is Lm6,948 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,484.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department for Projects and Development in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of a Principal Scientific Officer include the following;

a) The overseeing and making of high level contributions to the successful implementation of projects and programmes, including the Rural Development Plan and other EU programmes;

b) The close liaison with the key stakeholders to ensure the latter's commitment to the respective projects and programmes;

c) The provision of assistance to prospective beneficiaries of Rural Development and other EU programmes, including the drawing up of proposals, applications and implementation of guidelines;

d) The evaluation of the effectiveness of the respective projects and programmes during its unfolding;

e) The timely introduction of amendments/changes as required in case the respective projects and programmes would not be moving on track;

f) The provision of the required services to the School of Agriculture and to any students assigned for placements under his/her responsibility. The performance of any other duties according to the needs of the Department for Projects and Development and as required by superiors.

5. Applicants must be:-

a) citizens of Malta

b) officers in the scientific stream not below the grade of Senior Scientific Officer;
or
officers in the grade of Scientific Officer and having at least five (5) years appropriate practice or four years if in possession of an appropriate post-graduate qualification;

jew
persuni bi kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni (e.g. Ph.D. jew ekwivalenti);

ċ) Ikunu ta' karattru morali tajjeb. (L-applikanti li huma diġà impjegati mal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47),* fil-waqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta mingħand il-Pulizija maħruġ mhux iktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

6. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għall-intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jitqies kemm ikunu adattati għal dan il-post.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Min jintgħażel ikun irid joqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li jkun addattat għal dan il-post.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

10. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Pjazza San Franġisk, Rabat Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2004.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 0356-2156 3205).

12. a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Direttur fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp;

b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Proġetti u Żvilupp jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2004

or
persons in possession of an appropriate higher post-graduate qualification (e.g. Ph.D. or equivalent);

c) of good moral character. (Applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those not in the Public Service must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verifications at the interview).

8. Selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Department of Projects and Development, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

10. Applications will be received in the first instance by the Director Projects and Development, St Francis Square Victoria, by not later than noon of Friday, 27th February 2004.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal applications duly signed by the applicants must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 0356-2156 3205).

12. (a)Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Projects and Development and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Projects and Development within seven (7) days.

3rd February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Uffiċjali ta' l-Agrikoltura fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Uffiċjali ta' l-Agrikoltura fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

2. Il-post ta' Uffiċjal ta' l-Agrikoltura għandu salarju ta' Lm4,798 fis-sena, li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm152 sa massimu ta' Lm5,710 (Skala ta' Salarju 12).

2.1. Uffiċjal ta' l-Agrikoltura jitqiegħed fi Skala 10 (Lm5,416 x 175 – Lm6,466) wara ħames snin servizz sodisfaċenti f'dan il-grad. Il-ħames snin jitnaqqsu għall-sentejn jekk l-uffiċjal ikollu/ikollha *degree* relevanti jew kwalifika ekwivalenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova ta' sena, hija *full-time,* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp b'mod partikolari. Il-persuni magħżula jistgħu jiġu trasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-ħatra ta' Uffiċjal ta' l-Agrikoltura jinkludu:-

a) Il-kontroll u l-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi agrikoli;

b) L-għoti ta' pariri tekniċi lir-raħħala;

ċ) It-twettiq ta' spezzjonijiet, u l-preparament ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet meħtieġa;

d) Il-provediment ta' servizzi tekniċi lill-kunsilli lokali;

e) L-organizzazzjoni u s-sorveljanza tal-ħaddiema li jaqgħu taħt il-kontroll tiegħu/tagħha;

f) L-offerta tas-servizzi rikjesti mill-Iskola ta' l-Agrikoltura u mill-istudenti assenjati għat-taħriġ taħt ir-responabbiltà tiegħu/tagħha.

4.1 It-twettiq ta' kwalunkwe dmirijiet oħra skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp u kif ikun rikjest minnu/ha.

5. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini Maltin;

b) ikollhom Diploma fl-Agrikoltura maħruġa mill-Università ta' Malta jew kwalifika ekwivalenti;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47)*; l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta mingħand il-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Agricultural Officers in the Department for Projects and Development Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the posts of Agricultural Officers in the Department for Projects and Development within the Ministry for Gozo.

2. The salary for the post of Agricultural Officer is Lm4,798 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,710 (Salary Scale 12).

2.1. Subject to satisfactory performance, an Agricultural officer will move to Scale 10 (Lm5,416 x 175 – Lm6,466) on completion of five years service in the grade of Agricultural Officer. The five years service requirement is reduced to two years if the officer is in possession of a relevant degree or equivalent qualification.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department for Projects and Development in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an Agricultural Officer include the following:

a) Monitoring and implementing agricultural projects and programmes;

b) Providing technical advice to the farming community;

c) Carrying out inspections, preparing reports and forwarding recommendations as required;

d) Providing technical services to local councils;

e) Organising and supervising the workforce in the administration and control of staff under his/her direct supervision;

f) Giving the required services to the School of Agriculture and to any students assigned for placements under his/her responsibility.

4.1. Performing any other duties according to the needs of the Department for Projects and Development and as required by superiors.

5. Applicants must be:-

a) citizens of Malta;

b) in possession of a Diploma in Agriculture awarded by the University of Malta or appropriate equivalent qualification;

c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a recent Police certificate of conduct issued not earlier than six

pulizija mhux iżjed minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk kinux impjegati mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. L-applikanti eleġibbli jkunu meħtieġa li joqogħdu għall-intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jitqies kemm ikunu adattati għal dan il-post.

8. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

10. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Pjazza San Franġisk, Rabat , Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar 2004.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-detalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn Ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 0356-2156 3205).

12. a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Direttur fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp;

b) Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom jintbagħtu bil-posta reġistrata kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Proġetti u Żvilupp jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2004

(6) months from the date of this call and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verifications at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the posts.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Department of Projects and Development, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo.

10. Applications will be received in the first instance by the Director Projects and Development, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo by not later than noon of Friday, 27th February 2004.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal applications duly signed by the applicants must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 0356-2156 3205).

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Projects and Development and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Projects and Development within seven (7) days.

3rd February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (General Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (General Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (General Medicine)* għandu salarju ta' Lm7,430 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,080.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina u tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.3. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz mediku kliniku għall-*inpatients* u *outpatients* ibbażat fl-Isptar San Luqa. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet jinkludu:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (General Medicine) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (General Medicine) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (General Medicine) carries a salary of Lm7,430 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,080.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with hiṡher official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in the Department of Medicine in the Health Division.

5.2. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Medicine and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.3. The appointee will provide a clinical inpatient and outpatient medical service based at St.Luke's Hospital. The main duties and responsibilities include:

a) sehem fil-provvediment ta' kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-*inpatients* fl-Isptar San Luqa u sptarijiet oħra (li jistgħu jinkludu l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex).

b) attendenza u tmexxija ta' *ward rounds* u *outpatients clinics* kif jinħtieġ.

c) konsultazzjoni ma' kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni xierqa u kontinwità tal-kura tal-pazjent. Hi tkun trid tikkonsulta ruħha ma' impjegati oħra (infermiera, tekniċi u impjegati oħra ta' dipartimenti oħra) biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa fuq il-kura tal-pazjent u l-investigazzjoni meħtieġa jkunu fehmuhom sewwa.

d) tagħmilha flok il-*Consultant Physician* kif jinħtieġ.

e) sorveljanza tax-xogħol ta' *staff* mediku fil-gradi anqas minn *Senior Registrar*. Dan jinkludi reviżjoni sewwa tar-*records* tal-pazjenti biex jiġi assigurat li huma korretti, aġġornati u li jinqraw.

f) żamma ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti.

ġ) kopriment tal-kollegi tagħha f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew xi *leave* ieħor.

ħ) dikjarazzjoni li f'ċirkostanzi eċċezzjonali trid tattendi għax-xogħol f'dawk il-każi mhux tas-soltu barra mill-ħinijiet normali tar-*roster* tagħha skond kif ikun meħtieġ għall-kontinwità tal-kura tal-pazjenti.

i) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Mediċina u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(c) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.g. MRCP jew kwalifika ekwivalenti) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' l-esperjenza fl-ispeċjalità wara li jiksbu din il-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

a) participating in the day to day provision of routine and emergency medical care for in-patients at St.Luke's Hospital and other hospitals (which may include Gozo General Hospital).

b) attending and conducting ward rounds and out-patient clinics as required.

c) liaising with colleagues who are on duty immediately before or after care. He/She must liaise with other staff (nursing, technical and other staff of other departments) to ensure that necessary information on patient care and investigation required are fully understood.

d) deputizing for the consultant physician as necessary.

e) supervising the work of medical staff below the level of Senior Registrar. This should include careful review of patient records to make sure that they are accurate, up to date and legible.

f) liaising with patients' relatives.

g) providing cover for other colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

h) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

i) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Medicine and to involve himself/herself in on-going research programmes.

6. Applicants must be:

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (e.g. MRCP or equivalent qualification) and three years postregistration experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu iridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2004

(d) of good moral character (those who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates andċor testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th February 2004.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

3rd February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Radjografu *(Diagnostic)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Radjografu *(Diagnostic)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Radjografu *(Diagnostic)* għandu salarju ta' Lm4,798 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,710 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' Radjografu *(Diagnostic)* tiġi promossa fil-grad ta' Radjografu Anzjan *(Diagnostic)* fi Skala Nru. 10 (Lm5,416 x 175 - Lm6,466) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Radjografu *(Diagnostic)* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fir-Radjografija titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Radjografu *(Diagnostic)* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu *(Diagnostic)* gradwat. Persuna fil-grad ta' Radjografu *(Diagnostic)* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' Radjografu Anzjan *(Diagnostic)* wara sentejn servizz fil-grad ta' Radjografu *(Diagnostic)* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' Radjografu *(Diagnostic)* jinkludu:

a) provvediment ta' servizzi tar-radjografija f'taqsima jew *unit* tad-Dipartiment tar-Radjoloġija;

b) responsabbiltà għat-tħaddim xieraq u effiċjenti tat-tagħmir kollu użat u tat-tindif tiegħu;

ċ) responsabbiltà u direzzjoni tal-ħila ta' l-istudenti *Radiographers* u ta' *non professional assistants* oħra.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Radiographer (Diagnostic) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Radiographer (Diagnostic) in the Health Division.

2.1. The post of Radiographer (Diagnostic) carries a salary of Lm4,798 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,710 (Salary Scale 12). A Radiographer (Diagnostic) will be promoted to the grade of Senior Radiographer (Diagnostic) in Scale No. 10 (Lm5,416 x 175 - Lm6,466) on completion of five years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.2. A Radiographer (Diagnostic) in possession of a recognised degree in Radiography will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Radiographer (Diagnostic) will progress to Salary Scale No. 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) on completion of two years service as graduate Radiographer (Diagnostic). A graduate Radiographer (Diagnostic) will be promoted to Senior Radiographer (Diagnostic) on completion of two years service in the grade of Radiographer (Diagnostic), subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of a Radiographer (Diagnostic) include:

a) provision of radiography services in a section or unit of the Radiology Department;

b) responsibility for proper and efficient operation and cleanliness of all equipment used;

c) responsibility for and direction of the efforts of student radiographers and other non professional assistants.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala Radjografi *(Diagnostic)* mal-Bord għall-Professjonijiet Supplementari għall-Mediċina;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Puliżija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar, 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2004

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a certificate of registration as Radiographer (Diagnostic) with the Board for the Professions Supplementary to Medicine;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

11. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th February, 2004.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356- 21242884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

3rd February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Pedjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Registrar* fid-Dipartiment tal-Pedjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Registrar* (Pedjatrija) għandu salarju ta' Lm6,948 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,484.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond roster stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-gimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel xogħol fil-grad ta' *Registrar* fl-oqsma kollha tal-Pedjatrija. Hi tkun trid taħdem b'ordni regolari bejn *Consultant firms* u swali flimkien ma' *Registrars* oħra skond ir-*roster* normali mogħti miċ-*Chairman* tal-Pedjatrija.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-kura akuta u għall-kura mhux ta' emerġenza lil pazjenti tfal, taħt il-gwida u superviżjoni tal-Konsulent u taċ-*Chairman* tal-Pedjatrija.

5.3. Il-persuna nominata tkun mistennija li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Pedjatrija u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar in the Department of Paediatrics in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Department of Paediatrics in the Health Division.

2. The post of Registrar (Paediatrics) carries a salary of Lm6,948 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,484.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to carry out duties at registrar grade in all areas of paediatrics. The appointee will be rotated between consultant firms and wards together with the existing registrars in accordance with the normal roster set by the Chairman of Paediatrics.

5.2. The appointee will be responsible for the acute and non emergency care of paediatric patients, under the guidance and supervision of the Consultant and Chairman of Paediatrics.

5.3. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Paediatrics and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tissorvelja x-xogħol tal-*Housemen* u tas-*Senior House Officers* u tkun responsabbli direttament lejn iċ-*Chairman*, Dipartiment tal-Pedjatrija.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet akkademiċi tad-Dipartiment tal-Pedjatrija.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun imħeġġa li tinvolvi ruħha fi proġetti kontinwi u ġodda ta' riċerka fid-Dipartiment tal-Pedjatrija li jistgħu jinħtieġu kollaborazzjoni ma' taqsimiet barra minn Malta. Hi tkun imħeġġa li tippubblika s-sejbiet tar-riċerka.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Pedjatrija (e.g. MRCPCH), jew kwalifika ekwivalenti approvata, u sentejn esperjenza ta' wara r-reġistrazzjoni fil-Pedjatrija;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form GP 47)*; l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

5.4. The appointee will be required to supervise the work of the Housemen and the Senior House Officers and will be directly answerable to the Chairman, Department of Paediatrics.

5.5. The appointee will be required to participate in the academic activities of the Department of Paediatrics.

5.6. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be encouraged to become involved in ongoing and new research projects within the Department of Paediatrics which may entail liaison with collaborative units abroad. He/she will be encouraged to publish research findings.

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Paediatrics (e.g. MRCPCH), or an approved equivalent qualification, and have two years post-registration experience in paediatrics;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Saħħa), fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Frar 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21 242 884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2004

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General (Health) at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 27th February 2004.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

3rd February, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Economics Officer* fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Economics Officer* fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex.

2. Il-post ta' *Economics Officer* għandu salarju ta' Lm5,416 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,466 (Skala ta' Salarju 10).

2.1. Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) wara li tagħlaq sentejn servizz fil-grad, u jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Economics Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) wara għaxar (10) snin servizz fil-grad ta' *Economics Officer,* jew tmien (8) snin jekk ikollha xi kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni rikonoxxuta, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Persuna fil-grad ta' *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Economics Officer in the Department for Projects and Development Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the post of Economics Officer in the Department for Projects and Development within the Ministry for Gozo.

2. The salary for the post of Economics Officer is Lm5,416 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,466 (Salary Scale 10).

2.1. Subject to satisfactory performance, an Economics Officer will progress to Scale 9 (Lm5,750 x 192 - Lm6,902) on completion of two years service in the grade.

2.2. An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (Lm6,120 x 209 - Lm7,374) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognised and appropriate post-graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (Lm6,520 x 228 - Lm7,888) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, tkun fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Economics Officer* jinkludu:-

a) Is-sorveljar mill-qrib ta' l-iżvilupp tas-suq tal-prodotti agrikoli waqt il-proċess ta' liberalizzazzjoni u minn hemm 'il quddiem, u t-tewħid ta' inċentivi għall-esportazzjoni;

b) L-introduzzjoni ta' *standards* ta' kwalità u l-għoti ta' inċentivi u pariri lill-bdiewa sabiex dawn l-i*standards* ikunu ta' benefiċċju kemm għall-konsumaturi u kif ukoll għall-produtturi;

ċ) Li jiġi żgurat li l-faċilitajiet tal-*marketing* jitmexxew b'mod effiċjenti, inkluża l-introduzzjoni ta' sistemi ta' traċċar tal-prodott biex jiġi żgurat li meta dan jasal għand il-konsumatur ma jkollu l-ebda ħsara u jkun bnin;

d) Iż-żamma u l-aġġornament ta' l-statistika miġbura mill-Fergħa ta' l-Agrikoltura;

e) L-analiżi ta' l-istatistika, inklużi t-tbassir ta' l-iżvilupp tas-suq u l-*balance sheet* ta' l-ikel;

f) Il-ko-ordinazzjoni ma' l-entitajiet rispettivi dwar il-ġbir ta' statistika dwar l-Agrikoltura f'Għawdex u dwar l-iżvilupp tal-*Farm Accounts Data Systems;*

ġ) L-inkoraġġiment u r-reġistrazzjoni ta' l-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi u l-għajnuna fil-programmi ta' ħidma tagħhom;

ħ) L-għoti ta' għajnuna lill-Organizzazzjonijiet tal-Produtturi meta dawn ikollhom x'jaqsmu mas-swieq u meta jkunu jridu jiddisponu minn prodott irtirat mis-suq;

i) Promozzjoni ta' l-assoċjazzjonijiet bejn l-Organizzazzjonijiet tal-produtturi u proċessuri/negozjanti;

j) L-offerta tas-servizzi rikjesti mill-Iskola ta' l-Agrikoltura u mill-istudenti assenjati għat-taħriġ taħt ir-responabilità tiegħu/tagħha.

4.1. It-twettiq ta' kwalunkwe dmirijiet oħra skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp u kif ikun rikjest minnu/ha.

5. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom ta' l-anqas *first degree* fl-Ekonomija, fl-Istatistika, fl-*Accountancy,* fil-Kummerc, fil-*Finance* jew fil-*Banking* jew *degree* jew kwalifika professjonali ekwivalenti rikonoxxuta oħra b'waħda minn dawn id-dixxiplini bħala s-

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department for Projects and Development. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an Economics Officer include the following:

a) Monitoring closely the development of the market for agricultural produce during the liberalization process and thereafter, and taking initiatives in export markets;

b) Introducing quality standards and providing incentives and extension to farmers for the standards to be beneficial to both consumers and producers;

c) Ensuring the efficient running of marketing facilities, including the introduction of systems of traceability to ensure a safe and wholesome delivery to consumers;

d) Keeping updated at all time statistics that are assembled by the Agriculture Branch;

e) Carrying out analysis of statistics including any required forecasting of market development and food balance sheets;

f) Liaising with the relevant entities on the assembly of Statistics related to Agriculture in Gozo, and the development of Farm Accounts Data Systems;

g) Promoting and registering Producers' Organizations and assist them in developing operational programmes;

h) Assisting Producers' Organizations in their market intervention activities and in the disposal of the produce withdrawn;

i) Promoting inter-branch associations between Producers' Organizations and processors/traders;

j) The provision of the required services to the School of Agriculture and to any students assigned for placements under his/her responsibility.

4.1. The performance of any other duties according to the needs of the Department for Projects and Development and as required by superiors.

5. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) in possession of (or have been approved by the University for the award of) at least a recognised first degree in Economics, Statistics, Accountancy, Commerce, Finance or Banking or other recognised degrees or equivalent

suġġett prinċipali (jew ikollhom l-approvazzjoni ta' l-Università biex jingħataw din id-*degree).* Jiġu kkunsidrati wkoll dawk il-kandidati li jkollhom mill-anqas lawrja bl-unuri fil-*Public Policy* jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Studji Ewropej basta jkunu temmew b'suċċess *credits* fl-Ekomomija jew Finanzi jew Statistika (jew ikollhom l-approvazzjoni ta' l-Università biex jingħataw din id-*degree);*

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

6. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

10. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Frar 2004.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2156 3205.

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Direttur fid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Proġetti u Żvilupp jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-3 ta' Frar, 2004

professional qualifications with any of these disciplines as a major area of study. Candidates with (or who have been approved by the University for the award of) at least an honours degree in Public Policy or International Relations or in European Studies, would also be considered, provided that they have successfully obtained course credits in Economics or Finance or Statistics;

(iii) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for appointment to the post.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Department of Projects and Development, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo.

10. Applications will be received in the first instance by the Director Projects and Development, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, by not later than noon of Friday, 27th February 2004.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2156 3205.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Projects and Development and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Projects and Development within seven (7) days.

3rd February, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Post ta' *Lecturer* fil-*Computing/Information Technology*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Lecturer* fil-*Computing/ Information Technology*.

